**12 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

***Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.***

Clara Vella

*versus*

Gerald Mattei et.

**Alimenti — Sentenza — Eżekuzzjoni — Titolu Eżekuttiv— Ipoteka — Art. 2152 u 2174 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 256 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili..**

*Mingħajr dubju, is-sentenzi huma l-ewwel fost it-titoli eżekuttiv; imma d-dispożizzjoni tal-liġi li tgħid illi wara tliet snin minn dak inhar li t-titolu seta' jiġi eżegwit ma tistgħax tintalab dik l-eżekuzzjoni ħlief wara talba b'ċitazzjoni quddiem il-Qorti kompetenti, għandha tinqara flimkien ma' dispożizzjonijiet oħra, fosthom dik illi fit-talba għall-ħruġ ta' attijiet eżekuttivi għandha tissemma s-somma jew il-ħaġa li għandha tingħata bis-saħħa tat-titolu, u għandha tiġi konċiljata u ssir skond il-prinċipji f materja ta' prestazzjonijiet perijodiċi u "a termine", fosthom il-krediti alimentari, jiġifieri illi l-eżekuzzjoni tat-titolu ma tistgħax tintalab qabel ma l-kreditu jkun skada.*

*Għaldaqstant, ma hux biżżejjed illi jkunu għaddew aktar minn tliet snin, jew li jkun miet id-debitur, iżda jeħtieġ ukoll illi jkun hemm kreditu dovut bis-saħħa tat-titolu, u li l-kreditu jkun skadut.*

*Konsegwentement, min għandu kreditu ta' alimenti b'sentenza ma jistgħax jitlob li tiġi magħmula eżekuttiva dik is-sentenza kontra l-eredi tad-debitur ta' dawk l-alimenti, avvolja ikunu għaddew aktar minn tliet snin minn meta s-sentenza setgħet tiġi eżegwita, u avvolja dak id-debitur ikun miet, jekk il-kreditur, meta jagħmel dik it-talba, ma jkollu jieħu xejn bis-saħħa ta' dik is-sentenza għaliex l-alimenti jkunu tħallsu regolarment.*

*Lanqas tiswa l-allegazzjoni li l-kawża tkun saret biex is-sentenza ottenuta kontra d-debitur tal-alimenti tkun tista' tiġi*

*inskritta kontra l-eredi; għax il-kreditur, jekk ikun għadu ma inskriviex dik is-sentenza kontra d-debitur oriġinali, huwa ntitolat jinskriviha kontra d-debitur mingħajr ma jindika individwalment l-eredi tiegħu, u l-beni tad-debitur jibqgħu milqutin minn dik l-ipoteka mhux biss sakemm il-beni jkunu f'idejn l-eredi, iżda wkoll wara li jgħaddu f'idejn ħadd ieħor.*

*Barra minn dan, anki f'każ ta' eżitu favorevoli għall-kreditur, l-ipoteka ġudizzjali ma tkunx tista' toħroġ favur tiegħu, billi huwa jkun qiegħed jitlob sempliċement l-awtorizzazzjoni biex jeżegwixxi s-sentenza, mingħajr ma jispeċifika ebda ammont skond ma tirrikjedi l-liġi.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attriċi, wara li ppremettiet li b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-21 ta' Ottubru 1920, konfermata b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-ewwel ta' Marzu 1922, l-imsemmija Maria Costantina Mattei, bħala unika eredi tal-Kurunell Alessandro Mattei, missierha, ġiet kundannata li tħallas lill-attriċi, preċedentement dikjarata bint naturali tal-imsemmi Kurunell Mattei, pensjoni alimentarja ta' tliet xelini (3s.) kull-jum għal matul ħajjitha, u dan bħala kwota riżervata lill-attriċi fuq il-beni ta' missierha naturali għat-termini tal-art. 679 tal-Kodiċi Ċivili; u li l-imsemmija Maria Costantina Mattei mietet fit-23 ta' Jannar 1949, u tinsab il-lum rappreżentata mit-tliet uliedha konvenuti, istitwiti eredi tagħha in forza ta' testment fl-atti tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri tal-20 ta' April 1948; u illi l-attriċi għandha nteress li tirrendi eżekuttiva l-fuq imsemmija sentenza, non ostante d-dekorriment taż-żmien u l-fatt li l-konvenuta f'dik il-kawża tinsab mejta; talbet li, malgrado d-dekorriment taż-żmien u l-mewt ta' ommhom, tiġi minn din il-Qorti awtorizzata l-eżekuzzjoni tas-sentenza preċitata mogħtija minn din l-istess Qorti fil-21 ta' Ottubru 1920, u konfermata mill-Qorti tal-Appell fl-ewwel ta' Marzu 1922. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat il-verbal tat-3 ta' Marzu 1958 (fol. 9), fejn id-difensuri qablu illi l-ħlas tal-pensjoni alimentarja sar

mill-konvenuti puntwalment, u illi l-lum l-attriċi ma għandhiex tieħu ebda rata alimentarja;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, minn kif tinsab formulata ċ-ċitazzjoni, jidher illi l-attriċi qegħdha tibbaża l-azzjoni tagħha fuq l-art. 256 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; liema dispożizzjoni taqa taħt it-Titolu "Fuq l-Eżekuzzjoni tas-sentenzi u ta' titoli eżekuttivi oħra". Mingħajr dubju, is-sentenzi huma l-ewwel fost it-titoli eżekuttivi; iżda, biex ikun jista' jiġi applikat l-imsemmi art. 256, jeħtieġ li jkun interpretat, barra milli skond il-prinċipji tad-dritt proċedurali, anki skond id-dispożizzjonijiet l-oħra kontenuti fit-Titolu fuq riferit, u senjatament flimkien mal-art. 277, li jippreskrivi l-obligu fl-eżekutant illi fit-talba għall-ħruġ ta' attijiet eżekuttivi għandu jsemmi s-somma jew il-ħaġa li għandha tingħata bis-saħħa tat-titolu. Di pjù, l-applikazzjoni tal-imsemmi art. 256 għandha tiġi konċiljata u ssir skond il-prinċipji f'materja ta' prestazzjonijiet perijodiċi u "a termine", fosthom il-krediti alimentari, bħal ma hu il-każ tagħna, jiġifieri illi l-eżekuzzjoni tat-titolu ma tistgħax tintalab qabel ma l-kreditu jkun skada (art. 251(b) Proċ. Ċiv.);

Illi konsegwentement mhux biżżejjed, għalbiex tingħata l-eżekuzzjoni tat-titolu skond l-art. 256 fuq ċitat, illi jkunu għaddew aktar minn tliet snin jew li jkun miet id-debitur, iżda jeħtieġ ukoll illi jkun hemm kreditu dovut bis-saħħa ta' dak it-titolu, u li l-kreditu jkun skadut;

Illi, "ex admissis", l-attriċi tinsab imħallsa regolarment, u ma għandha tieħu xejn attwalment minn għand il-konvenuti; u konsegwentement mhix intitolata tgħaddi għall-eżekuzzjoni tas-sentenza, li hija l-bażi tat-titolu tagħha;

Illi ma tiswiex is-sottomissjoni tal-attriċi, li ċjoè il-kawża saret minnha kontra l-eredi tad-debitriċi Maria Costantina Mattei sabiex tkun tista' tiggarantixxi l-kreditu b'ipoteka kontra tagħhom. Difatti l-attriċi, jekk għadha

ma għamlitux, hija ntitolata tinskrivi l-ipoteka kontra d-debitriċi mingħajr ma tindika individwalment l-eredi tagħha (art. 2152 Kod. Ċiv.), u l-beni tagħha jibqgħu milqutin minn dik l-ipoteka mhux biss sakemm ikunu f'idejn l-eredi, iżda wkoll wara li jgħaddu f'idejn ħadd ieħor (art. 2174 Kod. Ċiv.). Di pjù, anki f'każ ta' eżitu favorevoli għall-attriċi, l-ipoteka ġudizzjali ma tkunx tista' toħroġ favur tagħha, billi hija l-lum qegħedha titlob sempliċement l-awtorizzazzjoni biex teżegwixxi s-sentenza fuq miġjuba, mingħajr ma speċifikat ebda ammont skond ma jirrikjedi l-art. 2152(1) tal-istess Kodiċi;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad it-talba tal-attriċi; bl-ispejjeż.